MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 813/2003

**Darren Buttigieg**

**vs**

**Maria Rita Buttigieg Cassano**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta’ Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fil-21 ta’ Jannar 1995 gewwa l-Knisja tal-Madonna ta’ Fatima , Guardamangia.

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi *inoltre* l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fil-21 ta' Jannar 1995 huwa null u bla ebda effett fil-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fil-21 ta' Jannar 1995 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fid-9 t'Ottubru 2003 fejn il-Qorti ppref iggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollha wkoll l-istess terminu sabiex hija wkoll tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat in-nota ta' l-attur datata 10 ta' Novembru 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta' Henry Buttigieg, ta' Doreen Buttigieg, u ta' Diane Dalli.

Rat li l-konvenuta minkejja li giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza baqghet ma pprezentat ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2004 fejn deher biss l-attur assistit. Dr. Tanya Sammut iddikjarat li l-attur ghalaq il-provi. Il-Qorti rrevokat id-digriet taghha tad-9 t'Ottubru 2003 in kwantu jirreferi ghan-notifika ta' l-affidavit attrici u prezentata ta' l-affidavit tal-konvenuta, u tat il-fakolta lill-istess konvenuta sabiex fi zmien ghoxrin gurnata tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) Principji Legali.

Illi l-attur jinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens li tat il-konvenuta u wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat ghaliex eskluda elementi essenzjali taz-zwieg u l-istess konvenuta kienet affetta b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg, u dan apparti li ssimulat il-kunsens taghha ghall-istess zwieg u ghalhekk tali zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

***19(1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew*

*aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:*

Illi rigward dak imsemmi fis-**sub inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita` ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** fil-ktieb **"Il Diritto Canonico Matrimoniale" (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita` rikjesta sabiex wiehed jikkuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li bil-kunsens taghhom il-partijiet jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life;*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility".*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita` li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi l-attur allega ukoll li l-istess zwieg huwa null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u fil-fatt l-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:-

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi hawnhekk il-ligi qeghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista` jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El Nuevo Derecho Matrimonial Canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali.

*"Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Fil-fatt jista' jinghad li l-kunsens huwa simulat jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'."* (***J.F. Castano'*** – **"Il Sacramento del Matrimonio"**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat m'huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Mhuwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista` ikun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja

matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*“L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O. Giacchi*** – **“Il Consenso Matrimoniale Canonico”**).

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta’ Marzu, 2000) u skans ta’ repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta’ Novembru 1999) gie nghad illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjonijiet **“Sharon Bezzina vs Richard Bezzina”** (P.A. (RCP) 6 ta’ Frar 2003); **“Jacqueline Agius vs Ivan Agius”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Dicembru 2002); u **“Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil et nomine”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2003, **“Angolina *sive* Julia Dawah vs Dr. Martin Fenech et nomine”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Marzu 2003); **“Alexander Brincat vs Moira Farrugia gja` Brincat”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Marzu 2003); **“Louise Anne Sammut vs Tonio Ciantar”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2003) u **“Angela Pullicino vs William Camilleri”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Marzu 2003, b’dan li l-Qorti thoss, li apparti dak premess, dak

fuq citat u l-principji enuncjati fl-istess sentenzi ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-unika parti li ressqet provi f'din il-kawza kien l-attur li pprezenta l-affidavits tieghu, ta' missieru, ta' ommu – li ma huwa affidavit xejn, ghaliex biss irreferiet ghall-affidavit ta' zewgha, u ta' oht l-attur Darren Buttigieg, Min-naha taghha l-konvenuta ma ressqet l-ebda prova u lanqas ma pprezentat nota ta' eccezzjonijiet.

Illi l-partijiet jidher li zzewgu fil-21 ta' Jannar 1995 u bdew ir-relazzjoni taghhom meta l-attur kellu erbatax-il sena (14) u l-konvenuta kellha hmistax-il sena (15). Jidher li wara sentejn il-partijiet hassru u l-konvenuta bdiet tohrog ma' certu Marko Zahra, ghalkemm jidher li dan kellu siehba ohra fissa. Ghal xi raguni hassret minn ma' din il-persuna – skond l-attur peress li dan il-guvni ma hassarx ir-relazzjoni li kellu mat-tfajla tieghu – u l-partijiet regghu bdew johorgu flimkien u sahansitra anke bdew jahsbu sabiex jizzewgu hekk kif beda jghaddi z-zmien. Sentejn qabel iz-zwieg certu Marco Borg kien avvicina lill-attur u qallu li kien qed johrog mal-konvenuta kollox bil-mohbi tieghu. L-attur iffacja lill-konvenuta b'dan u hi ammettiet, u ghalhekk hassar ir-relazzjoni tieghu maghha, u dan kien fis-sena 1993. Wara xi tmien xhur ta' din ir-relazzjoni tal-konvenuta ma' dan Marco Borg, inqala' xi nkwiet bejniethom u regghet hassret minn ma' dan il-guvni u l-partijiet regghu bdew johorgu flimkien, tant li fi zmien sena u nofs izzewgu. Dan anke peress li l-konvenuta riedet li ma jdumx ma' jsir iz-zwieg ta' bejniethom. Kellhom tifel fl-ewwel sena u nqala' l-inkwiet wara sitt snin ta' zwieg, peress li l-attur jghid li l-konvenuta dehret li birdet minnu, u minkejja li saru xi tentattivi sabiex jigi salvat iz-zwieg dan ma sehhx. Sar jaf li l-konvenuta kienet qed tfittex fejn kien joqghod dan Marco Borg u wara li sseparaw fl-4 ta' Gunju 2002 il-konvenuta qalet lill-attur li kienet ilha tohrog ma' dan Marco Borg minn April 2002.

Illi minn dan kollu jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-konvenuta zzewget lill-attur *"on the rebound"* – fil-fatt

hassret minn ma' dan Marco Borg, u regghet bdiet tohrog ma' l-attur, insistiet mieghu li jsir iz-zwieg kemm jista' jkun malajr u fil-fatt hekk sar u b'hekk hija ppruvat issalva l-kuntentizza taghha billi bhal speci taghlaq il-bieb ghal kull relazzjoni ohra. Izda jidher car li lil dan Marco Borg qatt ma nsietu, u fil-fatt wara xi snin, hija hadet l-inizjattiva sabiex terga' tintracca fejn l-istess persuna kienet tghix. Hija sabitu u baqghet sakemm regghet irristabbiliet ir-relazzjoni taghha mieghu. Dan kollu jfisser li l-istess konvenuta ghalkemm izzewget lill-attur, fil-fatt qatt ma' kellha emozzjonijiet ghalih bhala r-ragel taghha. Fil-fatt is-sentiment taghha kienu banda ohra, u nghaqdet ma' l-attur sabiex tahrab mid-dizappunt li r-relazzjoni taghha ma' dan Marco Borg kienet thassret. In verita' kienet thobb persuna ohra u mhux lill-attur u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-konvenuta ppruvat tghix gidba, li pero' ma' hallithiex kwieta u b'hekk jirrizulta li l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien wiehed simulat ghar-ragunijiet imputabbli lilha a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta , **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fil-21 ta' Jannar 1995 huwa null u bla ebda effett legali, u dan a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------